KLR 48/VII/2016

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru 2016 fis-19.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-membri Joe Debrincat, Maria Portelli, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- il-Viċi Sindku Josef Schembri u l-membru Michel Buttiġieġ.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

***2. New Year's Eve in the City***

Tressqu l-prezzijiet li ġew offruti għax-xogħol tal-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Dawn huma kif hawn hawn taħt.

- VLC 7/16 *Quotation for the provision of a Sound System*

Il-prezzijiet offruti kienu hekk:-

| | |
|---|---|
| Pro Stage Sound System | €3,983,00 |
| Power Sound | €3,995.01 |

Il-membri qablu li x-xogħol jieħdu Pro Stage Sound System li tefa' l-orħos prezz.

- VLC 9/16 *Quotation for the provision of Insurance Cover*

Il-membri qablu li l-assikurazzjoni ssir għand Island Insurance Brokers Ltd. li kienet l-unika kumpanija li tefgħet il-prezz tagħha ta' €560.

- VLC10/16 *Tender for the rent of Tents and Stages*

Il-prezzijiet offruti kienu hekk:-

| | |
|---|---|
| Michael Bugeja | €4,980.00 |
| Jean Paul Zerafa | €4,950.00 |
| TEC Ltd. | €5,930.00 |

Il-membri qablu li x-xogħol jieħdu Jean Paul Zerafa li tefa' l-orħos prezz. Il-palkijiet ser tipprovdihom it-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex mingħajr ħlas.

- VLC13/16 *Quotation for the provision of a light system. (2)*

Din il-kwotazzjoni nħarġet għat-tieni darba peress li l-ewwel darba li nħarġet il-prezz li kien ġie offrut kien jaqbeż il-badġit.

Il-prezzijiet offruti għat-tieni talba kienu hekk:-

| | |
|---|---|
| Michael Bugeja | €2,293.00 |
| Peter Paul Camilleri | €4.181.00 |

Il-membri qablu li x-xogħol jieħdu Michael Bugeja  li tefa' l-orħos prezz.

**3. Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2017 fis-18.00.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.00 u laqgħa oħra ser isir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |